**QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Numru: 3**

**Rikors Maħluf Numru 867/2019 NC**

**Iris Cremona**

**vs.**

**L-Avukat Ġenerali, Direttur tar-Reġistru tal-Artijiet, Direttur tar-Reġistru Pubbliku u Pierre Cremona għal kull interess li jista' jkollu u b'digriet tat-12 ta' Marzu 2020 ġie kjamat fil-kawża r-Reġistratur tal-Qrati Kriminali**

Illum l-ewwel (1) ta' Marzu 2022

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors Maħluf tal-attriċi Iris Cremona (*a fol.* 1 *et seq.*) ippreżentat fil-11 ta' Settembru 2019 li jgħid hekk:

> *"1. Illi l-esponenti żżewġet lil Pierre Cremona (K.I. 286273 M) fl-10 ta' Lulju tas-sena 1998. Waqt li kienu għarajjes, u permezz ta' kuntratt ta' bejgħ datat 10 ta' April 1995 fl-atti tan-Nutar*

*Dr. Pierre Cassar, l-esponenti u l-imsemmi Pierre Cremona akkwistaw l-arja tal-fond fejn huma bnew dik li kienet id-dar matrimonjali tagħhom, li ġġib l-indirizz disgħa (9), Triq San Tumas, Fgura (ara kopja tal-kuntratt, hawn anness u mmarkat Dok. 'A'). Id-dar kienet inbniet u tlestiet sa l-10 ta' Lulju tas-sena 1998 u fil-fatt, kif iżżewġu, l-esponenti u żewġha marru jirrisjedu fil-propjeta' tagħha. Illi illum il-ġurnata, inbidel in-numru uffiċjali tal-fond u illum iġib in-numru 392 u mhux 9;*

*2. Illi permezz tal-Att ta' Akkuża 7/2011, l-Avukat Ġenerali akkuża lil Pierre Cremona b'diversi reati fosthom:*

*a. talli assoċja ma' xi persuna jew persuni oħra f'Malta jew barra minn Malta sabiex ibigħ jew jittraffika mediċina perikoluża (herojina) f'Malta kontra d-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assoċjazzjoni;*

*b. talli kellu fil-pussess tiegħu d-droga herojina meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa u ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorità mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga fil-pussess tiegħu, u dik id-droga ma ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b'dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklużiv tiegħu;*

*c. talli kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokajina li għaliha tapplika t-Taqsima IV u V tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, 1939 (Kap. 101) u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta u ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-*

*Drogi Perikolużi (G.N. 292/39) jew b'xi awtorita' mogħtija mill-President ta' Malta li jkollu dik id-droga fil-pussess tiegħu u dik id-droga ma ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skond riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija;*

*d. talli forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga herojina speċifikata fl-ewwel Taqsima tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101) lil persuna jew għal xi persuna mingħajr ma kellu liċenzja mill-President ta' Malta u mingħajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 għall-kontroll Intern tal-Mediċini Perikolużi jew minn xi awtorita' mogħtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga msemmija u mingħajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġa mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellu liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellu liċenzja li jipprokura l-istess droga; b'dan, li r-reat sar b'diversi atti magħmula u li kienu jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi, ukoll jekk fi żminijiet differenti, u ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda.*

*3. Illi dawn l-akkużi ukoll jirrelataw għal ġrajjiet li seħħew fit-tnejn u għoxrin (22) ta' Lulju 2009 u fil-jiem ta' qabel kif spjegati fl-Att ta' Akkuża imsemmija.*

*4. Illi matul il-kumpilazzjoni mismugħa mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Struttorja, inħarġet ordni ta' friżar ta' proprjetà ai termini tal-Artikolu 22A tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta. Fost affarijiet oħra, il-proprjetà disgħa (9), Triq San Tumas, Fgura kienet milquta minn din l-ordni ta' ffriżar.*

*5. Illi waqt dawn il-proċeduri kriminali kontra Pierre Cremona, l-esponenti u l-istess Pierre Cremona sseparaw b'mod de facto.*

*6. Illi nhar is-6 ta' Mejju 2016, Pierre Cremona u l-Avukat Ġenerali ppreżentaw rikors konġunt quddiem il-Qorti Kriminali fejn, ai termini tal-Artikolu 453A (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, talbu lill-istess Qorti Kriminali sabiex fl-eventwalità li jkun hemm ammissjoni da parti ta' Pierre Cremona għall-erba'*

*(4) kapi tal-att ta' akkuża, il-piena għandha tkun waħda kumplessiva ta' priġunerija effettiva għal perjodu ta' seba' snin u nofs (7 ½) flimkien ma' multa ta' għoxrin elf Ewro (€20,000) u dan oltre l-ispejjeż peritali u/jew konsegwenza oħra konsegwenzjali għad-dikjarazzjoni u sejbien ta' ħtija ai termini tal-Kap. 9 u tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, inkluż il-konfiska ta' kwalunkwe flejjes u tal-proprjetà mobbli u immobbli ta' Pierre Cremona.*

*7. Illi nhar is-16 ta' Mejju 2016, Pierre Cremona ammetta l-akkużi miġjuba kontrih u kkonferma l-istess ammissjoni fis-seduta miżmuma quddiem il-Qorti Kriminali.*

*8. Illi konsegwentement, permezz ta' sentenza mogħtija dak in-nhar stess, Pierre Cremona ġie misjub ħati tal-erba' (4) akkużi miġjuba kontrih. In kwantu għall-piena, il-Qorti Kriminali abbraċċjat il-piena proposta fir-rikors konġunt u konsegwentement, Pierre Cremona ġie kkundannat għall-piena ta' priġunerija effettiva għal perjodu ta' seba' snin u nofs (7 ½) flimkien ma' multa ta' għoxrin elf Ewro (€20,000). Ġie kundannat ukoll iħallas l-ispejjeż peritali li ammontaw għal tlett elef mitejn wieħed u għoxrin Ewro u disgħa u erbgħin ċenteżmi (€3,221.49) u li jekk dawn ma jitħallsux fi żmien sittin ġurnata mid-data tas-sentenza, kellhom jiġu konvertiti f'terminu ta' priġunerija. Finalment, il-Qorti Kriminali ordnat ukoll "il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjetà mobbli u immobbli oħra tal-ħati." (ara kopja tas-sentenza, hawn anness u mmarkata bħala Dok. 'B').*

*9. Illi ma sar ebda appell minn din is-sentenza.*

*10. Illi sussegwentement, Pierre Cremona pproċeda bil-proċedura kontemplata fl-Artikolu 22C tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta u istitwixxa proċeduri ċivili fl-ismijiet Pierre Cremona vs. L-Avukat Ġenerali et. [698/2016 LM] sabiex jiġi determinat jekk il-proprjetà konfiskata kienitx ġiet akkwistata b'profitti jew dħul mill-egħmil ta' xi reat taħt il-Kap. 101 u fl-eventwalità li jintwera li ma kienitx akkwistata b'mod illeċitu, ma tibqax milquta b'dik l-ordni ta' konfiska.*

*11. Illi kif diġà ġie spjegat, l-esponenti u Pierre Cremona kienu ilhom diġà jgħixu separatament għal diversi snin. L-esponenti ma kienitx parti tal-kawża ċivili numru (698/2016 LM) u wisq anqas infurmata bl-andament tal-kawża u qatt ma ġiet mitluba jew imħarrka sabiex tixhed fil-proċeduri in kwistjoni.*

*12. Illi permezz ta' sentenza mogħtija nhar il-11 ta' Lulju 2018 ngħatat sentenza mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fejn limitatament ntlaqgħet it-talba ta' Pierre Cremona għal dak li jirrigwarda l-fond bin-numru tlettax (13) ġja numru sebgħa (7), Triq il-Palma, Ħal-Tarxien, filwaqt li ma laqgħetx it-talba fir-rigward tal-proprjetajiet l-oħrajn indikati minnu, senjatament il-fond bin-numru disgħa (9), Triq San Tumas, Fgura, l-flejjes depożitati l-Qorti u l-investimenti li kellu Pierre Cremona f'ismu. Fis-sentenza tagħha, il-Qorti kkonkludiet billi ordnat lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex fi żmien erbgħa u għoxrin (24) siegħa jibgħat kopja tas-sentenza lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u lir-Reġistratur tal-Artijiet (ara kopja tas-sentenza hawn annessa u mmarkata Dok. 'C').*

*13. Illi ma sar ebda appell minn din is-sentenza. Kien biss diversi xhur wara li l-esponenti saret konsapevoli ta' din is-sentenza u l-effetti tagħha.*

*14. Illi l-istat ta' fatt li l-esponenti u Pierre Cremona kienu ko-proprjetarji tal-fond in kwistjoni sa minn qabel iż-żwieġ tagħhom jidher li qatt ma ġie a konjizzjoni tal-Qorti Kriminali. Il-konsegwenza ta' dan huwa li l-Qorti Kriminali effettivament ordnat konfiska ta' proprjetà li għalkemm nofs indiviż tagħha kien jappartjeni lill-akkużat quddiemha, in-nofs l-ieħor kien jappartjeni lil terzi innoċenti, ossia l-esponenti.*

*15. Illi l-proċedura maħluqa permezz tal-Artikolu 22C(1) tal-Kap. 101 ma tikkontemplax is-sitwazzjoni ta' terz li kien ko-proprjetarju mal-akkużat. It-terz li jissemma fl-Artikolu 22C(1) huwa terz kif kontemplat fl-Artikolu 22(3A)(d) li jirreferi għas-sitwazzjoni fejn persuna akkużata, anke wara li tkun akkużata, b'xi mod jew ieħor tkun għaddiet il-proprjetà immobbli tagħha lil terzi persuni. Is-sitwazzjoni tal-esponenti ma tinkwadrax ruħha*

*f'dak kontemplat mill-istess Artikolu billi l-akkużat ma għadda ebda proprjetà immobbli lilha.*

*16. Illi in vista tal-premess, l-esponenti tinsab f'sitwazzjoni fejn il-Qorti Kriminali ordnat il-konfiska ta' proprjetà li l-esponenti kellha u għad għandha sehem filwaqt li l-eżitu tal-proċeduri kontemplati mil-Liġi sabiex wieħed jirribatti tali konfiska ma kienitx parti minnhom. Filwaqt li l-pożizzjoni ta' Pierre Cremona llum-il ġurnata hi kristallizzata permezz ta' dak deċiż fis-sentenza Pierre Cremona vs. L-Avukat Ġenerali et., l-esponenti – li hi terz innoċenti f'dan kollu – m'għandiex tbagħti l-istess konsegwenzi, u cioè li tiġi deprivata mill-proprjetà tagħha.*

*17. Illi in vista ta' dawn iċ-ċirkostanzi partikolari, l-esponenti ppreżentat ittra uffiċċjali bin-numru progressiv 727/2019 fejn interpellat lil Avukat Ġenerali, Direttur tar-Reġistru ta' l-Artijiet u Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex formalment jiddikjaraw li s-sehem tagħha, ossia nofs indiviż fil-proprjetà bin-numru disgħa (9), Triq San Tumas, Fgura ma ġiex preġudikat bis-sentenza tal-Qorti Kriminali ta' nhar is-16 ta' Mejju 2016 fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta vs. Pierre Cremona (ara kopja tal-ittra uffiċċjali, hawn annessa u mmarkata bħala Dok. 'D').*

*18. Illi għal din l-ittra uffiċċjali, id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u r-Reġistratur tal-Artijiet iddikjaraw li ma għandhom ebda setgħa fil-Liġi sabiex jagħmlu tali dikjarazzjoni (ara kopja tal-ittra uffiċċjali responsiva, hawn anness u mmarkata bħala Dok. 'E').*

*19. Illi b'hekk, l-intimati lanqas biss irrikonoxxew jew b'xi mod jew ieħor indirizzaw l-ilment tal-esponenti li sehemha ġie milqut intortament minħabba l-proċeduri li affaċċja u istitwixxa Pierre Cremona.*

*20. Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża.*

*Għaldaqstant u in vista tas-suespost, u previa kwalsiasi dikjarazzjoni oħra neċessarja u opportuna, l-esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti:*

*1. Tiddikjara illi l-ordni ta' friżar, u s-sussegwenti ordni ta' konfiska mogħtija mill-Qorti Kriminali nhar is-16 ta' Mejju 2016 fil-kawża "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Pierre Cremona" kif ukoll s-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-11 ta' Lulju 2018 fl-ismijiet "Pierre Cremona vs. L-Avukat Ġenerali et." in kwantu għall-proprjetà bin-numru disgħa (9), Triq San Tumas, Fgura jirrigwardaw u jolqtu biss in-nofs sehem indiviż ta' Pierre Cremona;*

*2. Tiddikjara illi tali ordnijiet ma kellhom ebda effett fuq in-nofs sehem indiviż ta' Iris Cremona fil-proprjetà bin-numru disgħa (9), Triq San Tumas, Fgura;*

*3. Konsegwentement tiddikjara illi Iris Cremona baqgħet u għadha propjetarja ta' nofs sehem indiviż tal-proprjetà bin-numru disgħa (9), Triq San Tumas, Fgura;*

*4. Tordna li din is-sentenza tiġi debitament notifikata lill-intimati Direttur tar-Reġistru Pubbliku u Direttur tar-Reġistru tal-Artijiet sabiex id-dikjarazzjonijiet mogħtija fl-istess sentenza jiġu formalment reġistrati fir-Reġistru Pubbliku u r-Reġistru tal-Artijiet.*

*Bl-ispejjeż kontra l-intimati li huma minn issa nġunti għas-subizzjoni."*

Rat ir-Risposta Maħlufa konġunta tal-konvenuti Avukat Ġenerali, id-Direttur tar-Reġistru tal-Artijiet u d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku (*a fol.* 49 *et seq.*) ippreżentata fl-10 ta' Ottubru 2019 fejn ingħad hekk:

*"Illi l-eċċezzjonijiet tal-esponenti hawn taħt elenkati qegħdin jingħataw mingħajr preġudizzju għal xulxin:*

*Jesponu bir-rispett:*

*1. Illi preliminarjament l-esponenti, d-Direttur tar-Reġistru tal-Artijiet u kif wkoll id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, jeċċepixxu illi ai termini tal-Artikolu 181B(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta'*

*Malta huma għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju peress illi ma humiex il-leġittimi kontraditturi fl-azzjoni odjerna; B'żieda mas-suespost għandu jiġi eluċidat l-fatt illi d-Direttur tar-Reġistru tal-Artijiet u tar-Reġistru Pubbliku illi huma ma għandhom l-ebda rwol fir-rigward ta' iffriżar u konfiska ta' proprjeta' ta' persuna li tkun misjuba ħatja quddiem il-Qorti Kriminali. Fil-fatt l-attriċi stess hija konoxxenti ta' dan il-fatt u dan tenut kont tal-fatt illi l-unika talba li tirrigwarda lil imsemmija Diretturi hija r-raba' (4) talba attriċi fejn titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex is-sentenza tkun debitament notifikata ilhom sabiex id-dikjarazzjoni mogħtija fl-istess sentenza, jekk ikun il-każ, jiġu formalment reġistrati fir-Reġistru Pubbliku u dak tal-Artijiet;*

*2. Illi bla ħsara għall-premess u preliminarjament wkoll, l-esponenti jeċepixxu illi l-azzjoni hija improponibbli ġaladarba ma ġiex indikat fuq liema bażi legali hija qed tippernja l-azzjoni odjerna. Konsegwentement l-esponenti qiegħdin minn issa jirrizervaw id-dritt illi jressqu eċċezzjonijiet ulterjuri una volta l-attriċi tiddeċiedi illi tindika fuq liema bażi legali qiegħda tippernja l-azzjoni tagħha;*

*3. Illi l-esponenti Direttur tal-Artijiet u l-Avukat Ġenerali jecepixxu illi l-azzjoni odjerna hija intempestiva stante illi l-immobbli 9, Triq San Tumas, Fgura għadu ma ġiex rregistrat favur il-Gvern ta' Malta';*

*4. Illi l-esponenti jeċepixxu li jkun siewi li jsir l-kjamat in kawża tar-Reġistratur tal-Qrati Kriminali stante illi l-konfiska tal-immobbli per se tiġi eżegwita o meno minn tali Reġistru u li għalhekk huwa l-entita' kompetenti sabiex jirrispondi għat-talbiet odjerni;*

*5. Illi l-esponent Avukat Ġenerali jeċepixxi ukoll l-azzjoni odjerna hija impronobbili stante li d-dikjarazzjoni mitluba mill-attriċi u ċjoè dina l-Onorabbli Qorti: "Tiddikjara illi l-ordni ta' friżar u s-ssusegwenti ordni ta' konfiska mogħtija mill-Qorti Kriminali nhar is-16 ta' Mejju 2016 fil-Kawża "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Pierre Cremona" kif ukoll s-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-11 ta' Lulju 2018 fl-ismijiet*

*"Pierre Cremona vs. L-Avukat Ġenerali et." in kwantu għall-propjeta' bin-numru disgħa (9), Triq San Tumas, Fgura jirrigwardaw u jolqtu biss in-nofs sehem indiviż ta' Pierre Cremona" ma tistax titmexxa l-quddiem permezz tal-proċeduri odjerni ġaladarba l-artikolu 22C tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta jistipula proċedura speċjali (Lex specialis) kif tista' tiġi attakkata ordni ta' konfiska u ffriżar ta' assi;*

*6. Illi l-esponent Avukat Ġenerali jeċepixxi illi l-proċedura ad-hoc (skond l-artikolu 22C tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta) diġa ġiet utilizzata permezz tar-rikors ġuramentat intavolat mill-intimat Pierre Cremona 698/2016LM u li għaddiet in ġudikat permezz tas-sentenza tal-11 ta' Lulju 2018. Tajjeb illi jingħad illi ma kien hemm ebda ostakolu illi tali azzjoni a tenur tal-artikolu 22C tal-Kap 101 titmexxa mill-konjuġi Cremona kif jiġri f'kawżi ta' dik in-natura.*[1] *Tajjeb li jingħad wkoll illi nġabu provi eżawrjenti fil-proċeduri tar-rikors ġuramentat 698/2016LM, kif jista' jiġi kkonstat fil-mori ta' dawn il-proċeduri permezz ta' allegazzjoni tal-atti, u li l-Qorti iddeċidiet korretament illi tali fond ma kellhux jiġi illiberat mill-ordni tal-konfiska tas-16 ta' Mejju 2016 (permezz tas-sentenza fl-ismijiet "ir-Repubblika ta' Malta vs Pierre Cremona" deċiża mill-Qorti Kriminali) stante illi ma ġiex ppruvat illi l-fond ġie akkwistat b'provenjenza leċita. Finalment ma kienx hemm ebda xkiel għall-attriċi sabiex tintervjeni f'dawk il-proċeduri u tagħmel l-osservazzjonijiet tagħha f'dak l-istadju u mhux tardivament f'dan l-istadju;*

*7. Illi bla preġudizzju għall-premess u fi kwalunkwe kas fil-mertu, l-esponenti jirrespinġu l-pretensjonijiet bħala nfondati fil-fatt u fid-dritt;*

*8. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż kontra l-attriċi li minn issa hija nġunta in subizzjoni".*

[1] Ara sentenza tat-8 ta' Mejju, 2019 Rikors Maħluf Numru 194/2018 LM fl-ismijiet "Ritienne Apap (ID 125481M) u Silvio Apap (ID 468976M) vs. Il-Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Ġenerali."

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-kjamat fil-kawża Reġistratur Qrati u Tribunali Kriminali (*a fol.* 134 *et seq.*) ippreżentata fid-9 ta' Lulju 2020 li tgħid hekk:

*"1. Illi fl-udjenza tat-12 ta' Marzu tas-sena 2020, din l-Onorabbli Qorti ordnat il-kjamat in kawża tar-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali u wara li fil-25 ta' Ġunju tas-sena 2020 ġiet notifikata bir-rikors ġuramentat, l-eċċipjenti qiegħda tissottometti s-segwenti:*

*2. Illi preliminarjament l-esponenti tirrileva li għalkemm ir-rikorrenti ma kienetx parti mill-kawża ċivili numru 686/2016 (LM) intavolata minn Pierre Cremona, hija kienet konsapevoli illi l-propjeta' inkluż dik in solidum kienet kolpita b'ordni t'iffriżar. Tant hu hekk illi a fol 49 tal-elenku tal-assi hemm riferenza għal email mibgħuta minn Nutar Anne Marie Tonna datata 10 ta' Mejju 2016 lil Dr. Seychell Navarro li kien inkarigat mill-elenku tal-assi li taqra:*

*'Nagħmel riferenza għal konvenju ffirmat bejn Pierre Cremona ID 286273M u Iris Cremona ID 145073M bħala vendituri u Dr. Mariella Said Kasem u Mohamed Kasem bħala kumpraturi. Il-propjeta in vendita hija tmintax minn tmienja u għoxrin (18/28) partijiet indiviżi jew kwalunkwe sehem illi huma għandhom mill-fond bin-numru uffiċjali tlettax (13) li qabel kien iġib in-numru sebgħa (7) fi Triq Palma, Ħal Tarxien, bl-arja libera tiegħu. Nixtieq ninfrumak illi l-konjuġi Pierre u Iris Cremona jinsabu fi proċess ta' separazzjoni personali. Il-propjeta' in vendita tappartjeni fil-maġġoranza l-kbira tagħha lil Iris Cremona. L-Avukatessa ta' Iris u cioe' d-Dottoressa Yanica Bugeja tinsab fil-proċess illi tippreżenta rikors il-Qorti sabiex is-sehem tagħha ma jiġix milqut mill-Ordni ta' friżar bħalissa eżistenti kontra żewġha Pierre Cremona. Jekk dan ir-rikors jiġi milqugħ, il-kumpraturi huma disposti li jipproċedu bix-xiri tal-propjeta', dan biss wara li jiġi awtorizzat tali bejgħ mill-Qorti fuq rikors ta' Pierre Cremona u kwalunkwe somma dovuta lil Pierre tibqa' friżata l-Qorti'.*

*3. Illi għalhekk tenut kont li r-rikorrenti kienet konsapevoli tal-ordni t'iffriżar, hija kellha kull opportunita' sabiex tagħmel l-arranġamenti neċessarji biex tippreserva l-propjeta' tagħha;*

*4. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponenti tirrileva li l-involviment tagħha kien limitatament sabiex tiġi esegwita l-ordni tal-Qorti Kriminali għall-konfiska tal-assi ta' Pierre Cremona;*

*5. Illi wara li s-sentenza tal-Qorti Krimininali fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta vs Pierre Cremona għaddiet in ġudikat, irriżulta li kienu ġew istitwiti proċeduri ai termini tal-artikolu 22C tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*6. Illi in segwitu għas-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet Pierre Cremona vs Avukat Ġenerali et deċiża fil-11 ta' Lulju tas-sena 2018, l-esponenti bdiet il-preparamenti għal konfiska tal-assi kif enunċjat fl-istess sentenza u minn eżami tal-elenku tal-assi ta' Pierre Cremona, rriżulta li nofs indiviż ta' waħda mill-propjetajiet kolpiti bl-ordni t'iffrizar u sussegwentement konfiskata kienet tappartjeni lir-rikorrenti;*

*7. Illi konsegwentement, l-esponenti ħasset li fiċ-ċirkostanzi jkun għaqli li titlob direzzjoni mill-Qorti Kriminali sabiex tiġi gwidata kif għandha tipproċedi bl-ordni tal-konfiska;*

*8. Illi sussegwentement l-esponenti kienet konsapevoli ta' dawn il-proċeduri odjerni u għaldaqstant tħoss li għandha tistenna l-eżitu ta' dawn l-proċeduri qabel tipproċedi bil-konfiska tal-assi ta' Pierre Cremona;*

*9. Illi dato ma non concesso illi din il-Qorti ssib favur ir-rikorrenti, l-esponenti tissottometti li m'għandiex tbati spejjeż ta' din il-vertenza.*

*10. Salvi, jekk ikun il-każ, eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż kollha kontra r-rikorrenti."*

Rat id-dokumenti eżebiti u l-atti proċesswali kollha ta' dan il-każ.

Rat illi, fis-seduta tat-18 ta' Novembru 2019 (*a fol.* 54 *et seq.*) miżmuma quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta, ġie verbalizzat, fost l-oħrajn, illi kien deher il-konvenut Pierre Cremona li kkonferma li kien ġie notifikat bir-Rikors Maħluf tal-attriċi u b'hekk irriżulta li kien jinsab fi stat ta' kontumaċja.

Rat illi, fis-seduta tat-12 ta' Marzu 2020 (*a fol.* 116), il-Qorti kif diversament preseduta ordnat il-kjamat fil-kawża tar-Reġistratur tal-Qrati Kriminali.

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet ipprezentata fit-2 ta' Novembru 2021 mill-attriċi Iris Cremona (*a fol.* 219 *et seq.*).

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet ippreżentata fit-3 ta' Jannar 2022 mill-konvenuti l-Avukat Ġenerali, id-Direttur tar-Reġistru tal-Artijiet u d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku (*a fol.* 231 *et seq.*).

Rat illi minkejja li l-kjamat fil-kawża r-Reġistratur tal-Qrati Kriminali ngħata żmien biex jippreżenta Nota ta' Sottomissjonijiet, huwa baqa' ma ppreżenta l-ebda Nota.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi tagħmel riferenza għax-xiehda u għad-dokumenti saljenti li ġew mismugħa u preżentati tul il-mori tal-proċeduri odjerni.

Illi, fis-seduta tat-23 ta' Jannar 2020, xehdet **Eunice Grech Fiorini** (Reġistratur tal-Qrati Kriminali – *a fol.* 61 *et seq.*) fejn spjegat li ġiet imħarka sabiex tixhed dwar iċ-ċirkostanzi kollha li wasslu għall-kawża odjerna in partikolari dwar l-inventarju li sar quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u x'ġara mill-proprjeta' milquta minn dik l-ordni. Tgħid li ġiet avviċinata minħabba l-konfiska tal-proprjetajiet u l-assi ta' Pierre Cremona u jekk din saritx jew le u tixhed li l-konfiska kienet għadha ma saritx minħabba li kien hemm kawża ċivili sabiex tiġi rilaxxata xi proprjeta' u fil-fatt waħda mill-proprjetajiet ġiet rilaxxata. Tgħid li fil-kawża ċivili ma ġiex rilaxxata l-proprjeta' *ossia* l-fond bin-numru 9, Triq San Tumas, Fgura u tgħid li mill-elenku tal-assi li ġie ppreżentat minn Dr.

Robert Sultana jirriżulta li dan il-fond ġie mixtri minn Pierre Cremona u Iris Cremona u għalhekk, meta kienet ser tasal biex tagħmel il-konfiska, kienet ser titlob gwida lill-Qorti Kriminali. Tgħid li hemm kawża oħra fejn hemm ordni ta' friżar ieħor minn Qorti oħra u hija għadha trid tinforma lill-Qorti tal-Maġistrati li kien hemm proprjeta' li riedet tiġi rilaxxata. Tixhed li t-tieni ordni ta' friżar tolqot ukoll il-proprjeta' mertu tal-kawża odjerna. Eżebiet bħala Dok. "EGF 1" (*a fol.* 70 *et seq.*) l-inventarju li kien thejja minn Dr. Robert Sultana. Mistoqsija tgħid f'liema stadju waslet il-konfiska, wieġbet li sa issa din għadha ma bdietx minħabba l-kawża pendenti quddiem il-Qorti diversament preseduta u minħabba t-tieni ordni ta' friżar. Għad-domanda: *"fl-esperjenza tiegħek [...], bħala Reġistratur tal-Qrati Kriminali, x'jiġri meta jkollok proprjeta' tkun xi tkun, co-owned u jkollok bħal dan il-każ, konfiska fil-konfront ta' persuna pero' jkollok terz, ħalli nsejħulu hekk, innoċent?"* (*a fol.* 67), wieġbet: *"Nikkonfiska l-parti li tolqot lill-akkużat li ġiet konfiskata."* Għad-domanda: *"Pero' jekk l-oġġett mhux diviżibbli, x'jiġri?"* (*a fol.* 67), wieġbet: *"jiena bħala Reġistratur meta nikkonfiska proprjeta' li jrid isir hu [...], li jiġri hu, jiena ninforma lill-Lands Authority fejn nibgħatilhom, kopja legali tas-sentenza, niċċekkja jekk hemmx kawżi fiċ-ċivil minħabba it-22C, nibgħatilhom ċertifikati li m'hemmx appell, nibgħatilhom ċertifikati li minn din il-kawża hija res judicata mill-Kriminal, nibgħatilhom covering letter biex din il-proprjeta' issa sehem indiviż jew le hu parti mill-elenku, nibgħatha l-Lands Authority"* (*a fol.* 67). Tgħid li mbagħad il-*Lands Authority* jinsinwaha r-Reġistru Pubbliku fejn dik il-parti ta' sehem indiviż tkun għaddiet favur il-Gvern.

In <u>kontro-eżami</u> tgħid li, f'dan l-istadju, mhux ser issir il-konfiska peress li ser jistennew l-eżitu tal-kawża odjerna.

Illi, fl-14 ta' Settembru 2020, ġie ippreżentat affidavit tal-attriċi **Iris Cremona** (*a fol.* 126 *et seq.*) fejn spjegat li hija ltaqgħet ma' żewġha l-konvenut Pierre Cremona fis-sena 1990 u żżewġitu fis-sena 1998. Tispjega li fl-10 ta' April 1995 dehru fuq kuntratt (Dok. "A" – *a fol.* 129 *et seq.*) fejn xtraw mingħand Gerit Company Limited tromba tat-taraġ biswit il-*plot* numru tmienja (8), fi Triq San Tumas, il-Fgura. Tgħid li l-ammont imħallas għal dan il-kuntratt tħallas nofs bin-nofs minnha u mill-konvenut Pierre Cremona. Tixhed li x-

xogħol tal-bini tlesta minn Emanuel Deguara u li missier Pierre Cremona ħareġ il-flus għall-materjal u tgħid ukoll li wara li nbniet qatt ma saru xogħlijiet strutturali fil-fond in kwistjoni. Tispjega li l-għamara nxtrat minn għand kumpanija li dak iż-żmien r-raġel tagħha kien jaħdem magħha u għalhekk ibbenefikaw minn prezzijiet speċjali. Tgħid li hija kienet taħdem ma' kumpanija oħra. Tixhed li ftit wara li żżewġu, żewġha Pierre wera x-xewqa li ma jibqax jaħdem man-nies u beda jmexxi *bar* u maż-żmien mexxew numru ta' barijiet. Tispjega li meta żewġha nqabad bid-droga fis-sena 2009, huwa tressaq il-Qorti u ġie akkużat b'numru ta' reati u nħarġet ordni ta' friżar u tgħid li hi ma kellha l-ebda iċken idea li din kienet inħarġet, wisq anqas x'kienu l-konsegwenzi tagħha. Tgħid ukoll li wara li huwa tressaq il-Qorti, iż-żwieġ tagħhom beda jitkisser u minkejja li ppruvat tagħmel medjazzjoni, l-ebda ftehim ma ntlaħaq u li ma saret l-ebda kawża ta' separazzjoni. Tgħid li l-każ ta' żewġha Pierre dam diversi snin u qabel ma żewġha Pierre kien ser jgħaddi ġuri, intlaħaq patteġġjament mal-Avukat Ġenerali u b'hekk Pierre Cremona ammetta u weħel piena ta' priġunerija u multa. Tixhed li wara li żewġha nstab ħati, huwa għamel kawża sabiex juri li d-dar tagħhom ma kinitx inxtrat bi flus tad-droga. Tgħid li hija ma kienet taf b'xejn b'dan il-każ, li hi u żewġha Pierre ma kienux jitkellmu u li hu qatt ma kien qalilha xejn fuq kif kienet miexja l-kawża. Tgħid ukoll li ma kinitx ġiet mitluba tixhed. Tixhed li fl-11 ta' Lulju 2018 ingħatat is-sentenza li kien fetaħ Pierre Cremona u li f'din is-sentenza ngħad li żewġha ma kien ġab ebda prova fuq meta nbniet id-dar tagħhom u li l-Qorti ma setgħetx tassumi jekk Pierre kienx iħallas għad-dar bi flus nodfa u li b'hekk il-Qorti ma ħassritx il-konfiska li kien hemm fuq id-dar. Tgħid li minn din is-sentenza ma kien hemm l-ebda appell u li hi ma kellha l-ebda idea x'kien qed jiġri u li saret taf bis-sentenza msemmija meta marret tkellem lill-avukat tagħha fuq xi ħaġa oħra u kien dak inhar li skopriet biha. Tispiċċa billi tgħid li kien għalhekk li hija għamlet il-kawża odjerna u dana sabiex is-sehem tagħha ma jkunx milqut mill-konfiska li kellu Pierre Cremona.

Illi, fl-14 ta'Settembru 2020, ġie ippreżentat ukoll affidavit ta' **Emanuel Deguara** (*a fol.* 131) fejn qal li hu miżżewweġ lill-oħt Iris Cremona u li kien huwa li bena l-fond in kwistjoni u li dam jibnih madwar tliet snin. Jgħid li meta Iris u Pierre Cremona żżewwġu

fis-sena 1998, huma daħlu jgħixu fil-fond in kwistjoni. Jgħid ukoll li missier Pierre kien ħareġ xi ħaġa tal-flus biex jinxtara l-materjal għall-bini u li hu (Emanuel Deguara) għamel ix-xogħol ta' bini mingħajr interessi.

Illi, fis-seduta tad-29 ta' Ottubru 2020, xehdet **Maria Dolores Fenech** (*a fol.* 176) fejn eżebiet bħala Dok. "MDF 1" (*a fol.* 139 *et seq.*) il-konklużjonijiet tal-elenku tal-assi li kien ġie ippreżentat fil-kawża **Repubblika ta' Malta vs. Pierre Cremona**, deċiża fis-16 ta' Mejju 2016.

Illi, fis-seduta tad-29 ta' Ottubru 2020, xehdet ukoll **Dr. Sonia Consiglio** għad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku (*a fol.* 177) fejn ippreżentat vera kopja tan-Noti ta' Iskrizzjoni ta' ipoteki bin-numru progressiv 1775/1998 u 1776/1998 (Dok. "DRP 1" u Dok. "DRP 2 – *a fol.* 174 *et seq.*). Tgħid li ż-żewġ ipoteki ġew riċevuti għandhom fis-17 ta' Frar 1998.

Illi, fil-15 ta' Lulju 2021, **Maria Dolores Fenech** ippreżentat Nota Ġuramentata (*a fol.* 185 *et seq.*) li fiha nfurmat il-Qorti li r-Reġistratur Qrati u Tribunali Kriminali kien ġie mħarrek jixhed dwar jekk fil-kumpilazzjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Pierre Cremona** jew fil-proċeduri sussegwenti quddiem il-Qorti Kriminali kienx ġie ppreżentat Rikors għan-nom ta' Iris Cremona rigwardanti l-iffriżar tal-assi qabel ma ġew istitwiti l-proċeduri odjerni. Tgħid li minn verifiki li sar irriżulta li tali Rikors ġie ppreżentat fil-Qorti Kriminali fid-19 ta' Frar 2020. Flimkien man-Nota eżebiet vera kopja tal-atti kollha rigwardanti r-Rikors imsemmi.

**Ikkunsidrat**

Illi, qabel il-Qorti tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha, il-Qorti tinnota li mill-atti proċesswali jirriżulta s-segwenti:

- L-attriċi żżewġet lil Pierre Cremona fis-sena 1998 u li meta hija u l-konvenut Pierre Cremona kienu għadhom għarajjes huma xtraw l-arja u t-tromba tal-fond li jinsab mibni f'numru 9, Triq San Tumas, Fgura.

- Fis-sena 2009 Pierre Cremona ġie akkużat b'numru ta' imputazzjonijiet li jirrigwardaw droga fejn l-assi kollha tiegħu ġew iffriżati mill-Qorti tal-Maġistrati u fis-16 ta' Mejju 2016 instab ħati mill-Qorti Kriminali fejn, fost l-oħrajn, ġiet ordnata l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli u immobbli oħra tal-ħati. Minn din is-sentenza ma kien hemm l-ebda appell.

- Fil-proċeduri kriminali kontra Pierre Cremona, il-perit legali Dr. Robert Sultana hejja rapport *ossia* elenku tal-assi tal-konvenut Pierre Cremona (Dok. "EGF 1" – *a fol.* 70 *et seq.* u Dok. "MDF 1" – *a fol.* 139 *et seq.*) dwar l-assi tal-konvenut Pierre Cremona, f'liema elenku ġie rikonoxxut (*a fol.* 87, 88, 110 u 111) li l-attriċi għandha sehem nofs indiviz tal-fond bin-numru 9, Triq San Tumas, Fgura. Għal kull buon fini għandu jingħad li fir-rapport imsemmi, speċifikament *a fol.* 108 tal-proċess, hemm erronjament indikat li l-fond in kwistjoni huwa proprjeta' tal-konvenut Pierre Cremona.

- Peress li fis-sentenza tal-Qorti Kriminali (Dok. "B" – *a fol.* 10 *et seq.*) hawn fuq imsemmija ġie ordnat li jiġu kkonfiskati l-assi tal-konvenut Cremona u peress li fil-proċeduri **Pierre Cremona vs. L-Avukat Ġenerali et** (Dok. "Ċ" – *a fol.* 22 *et seq.*) deċiża fil-11 ta' Lulju 2018 il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ma rrilaxxatx mill-konfiska l-fond *de quo* u ma kien hemm l-ebda appell mis-sentenza mogħtija minnha, l-attriċi fetħet il-proċeduri odjerni u għamlet it-talbiet relattivi elenkati aktar-il fuq.

**Ikkunsidrat**

Illi apparti l-fatt li fl-affidavit tagħha l-attriċi tgħid li waqt li kienet għaddejja l-kawża kriminali kontra żewġha Pierre Cremona, iż-żwieġ tagħhom kien beda jitkisser u li jew fis-sena 2012 jew fis-sena 2013 kienu separati *de facto*, tgħid ukoll li minkejja li bdiet proċeduri ta' separazzjoni billi fetħet medjazzjoni, ebda ftehim ma seta' jintlaħaq u ebda kawża ta' separazzjoni ma saret. Dwar il-kawża ta' żewġha u ta' dak li għamel hu wara li nstab ħati fir-rigward tal-

konfiska, l-attriċi tgħid: *"Jien ma kellix idea x'kien qed jiġri. Skoprejt bis-sentenza tal-11 ta' Lulju 2018 meta mort inkellem lill-avukat fuq kwistjoni oħra u waqt li konna qegħdin nitkellmu, b'xi mod jew ieħor ġie d-diskors fuq Pierre. Kien hawn li jien sirt naf bis-sentenza u kien ser itini ħass ħażin bl-inkwiet"* (*a fol.* 127-128).

**Ikkunsidrat**

Illi f'dan l-istadju l-Qorti hija tal-fehma li tagħmel numru ta' konsiderazzjonijiet fir-rigward ta' numru ta' eċċezzjonijiet imsemmija fir-Risposta Maħlufa tal-Avukat Ġenerali, id-Direttur tar-Reġistru tal-Artijiet u d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku (*a fol.* 49 *et seq.*).

**L-Ewwel (1) Eċċezzjoni**
**(Id-Direttur tar-Reġistru tal-Artijiet u d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju peress illi ma humiex il-leġittimi kontradittur*i*):**
Illi kemm id-Direttur tar-Reġistru tal-Artijiet u kif ukoll id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku jargumentaw li huma ma għandhom l-ebda rwol fir-rigward tal-iffriżar u konfiska tal-proprjeta' *de quo*.

Illi l-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fid-9 ta' Ġunju 2017 fl-ismijiet **Maltco Lotteries Limited (C-32326) vs. Ministru tal-Finanzi et** (Numru 1124/15), fejn il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili qalet hekk:

> "Din il-Qorti kif diversament preseduta fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Av. Michael Psaila noe vs. Joseph Pace et**,[2] spjegat illi:
>
> *"Min jeċċepixxi li hu mhux il-leġittimu kontradittur jeħtieġ illi jipprova li hu ma kienx il-persuna li kellu jirrispondi għat-talba proposta bl-istanza għaliex hu ma kienx daħal f'ebda rapport mar-rikorrent noe jew li m'għadx għandu tali rapport."*

[2] 03.10.2008.

Kif spjegat il-Qorti tal-Appell Inferjuri fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Burmarrad Commercials Limited vs. Desmond Mizzi et**[3]:

*"B'relazzjoni ġuridika wieħed neċessarjament jifhem dak l-att jew pluralita' t'atti konnessi li jimmiraw għall-produzzjoni t'effetti ġuridiċi fl-ambitu tad-drittijiet bejn żewġ soġġetti jew aktar. …*

*Huwa ferm evidenti minn natura u l-kontenut ta' dawn l-aggravji illi dak li jitqies primarju li jiġi investigat hi x-xorta ta' relazzjoni ġuridika bejn il-partijiet in kwantu minnha jrid imbagħad jirriżulta jekk l-appellanti kellux jitqies bħala l-leġittimu kontradittur di fronte għas-soċjetà attriċi."*

Il-Qorti tagħmel riferiment ukoll għas-sentenza fl-ismijiet **Frankie Refalo et vs. Jason Azzopardi et** deċiża mill-Qorti tal-Appell Inferjuri[4] dwar l-istitut tal-leġittimu kontradittur fejn intqal:

*"Din il-Qorti allura tikkonsidra illi biex tistabbilixxi jekk parti in kawża kienetx jew le leġittimu kontradittur tal-parti l-oħra, kellha bilfors tivverifika prima facie jekk il-persuna ċitata fil-ġudizzju kienetx materjalment parti fin-negozju li, skont l-attur, ħoloq ir-relazzjoni ġuridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini proposti. Jekk dan in-ness jiġi stabbilit, il-persuna ċitata setgħet titqies li kienet persuna idoneja biex tirrispondi għat-talbiet attriċi, inkwantu dawn ikunu jaddebitawlha obbligazzjoni li kienet mitluba tissodisfa, dan inkwantu l-premessi għaliha, jekk provati, setgħu iwasslu għall-kundanna mitluba f'każ li jinstab li l-istess konvenut ma jkollux eċċezzjonijiet validi fil-liġi x'jopponi għaliha. Dan naturalment ma jfissirx li jekk il-Qorti tiddeċiedi – kif iddeċidiet korrettement f'dan il-każ - illi l-konvenut kien ġie sewwa ċitat inkwantu jkun stabbilit li l-interess ġuridiku tiegħu fil-mertu kif propost mill-attur illi hu kellu neċessarjament ikun finalment tenut bħala l-persuna responsabbli biex tirrispondi għat-talbiet attriċi kif proposti. Kif lanqas ifisser li l-istess*

[3] 28.02.2007.
[4] 05.10.2001.

> *konvenut ma jkollux eċċezzjonijiet validi fil-mertu, fosthom dik li t-talbiet attriċi kellhom fil-fatt ikunu diretti lejn ħaddieħor jew lejn ħaddieħor ukoll inkwantu dan ikun involut fl-istess negozju u li allura seta' jiġi wkoll ċitat bħala leġittimu kontradittur fil-kawża."*[5]"

Illi l-Qorti tinnota li meta xehdet r-Reġistratur tal-Qorti Kriminali Eunice Grech Fiorini hija xehdet li l-konfiska tal-proprjetajiet u l-assi ta' Pierre Cremona kienet għadha ma saritx u dana għar-raġunijiet imsemmija minnha fid-depożizzjoni tagħha. B'hekk il-Qorti tinnota li kemm id-Direttur tar-Reġistru tal-Artijiet u kif ukoll id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku kienu għadhom ma ġewx mgħarrfa dwar l-ebda konfiska ta' Pierre Cremona. Ma' dan il-Qorti żżid tgħid li kemm id-Direttur tar-Reġistru tal-Artijiet u kif ukoll id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku ma għandhom l-ebda rwol partikolari fir-rigward ta' friżar u konfiska ta' proprjeta' u dan għajr għal dak li semmiet Grech Fiorini fid-depożizzjoni tagħha. Il-Qorti tqies ukoll li, f'każ li t-talbiet tal-attriċi jiġu milqugħa, il-Qorti ser tieħu ħsieb li tordna li din is-sentenza tintbagħat lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u lir-Reġistratur tal-Artijiet. Meħud dan in konsiderazzjoni u kif ukoll l-insenjament tas-sentenzi kkwotati hawn fuq, il-Qorti tqies li d-Direttur tar-Reġistru tal-Artijiet u d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku m'humiex leġittimi kontradituri f'dawn il-proċeduri u b'hekk għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju.

**<u>It-Tieni (2) Eċċezzjoni</u>**
**<u>(Improponibilita' tal-azzjoni)</u>:**
Illi, fir-rigward ta' dak eċċepiet mill-konvenuti Avukat Ġenerali, Direttur tar-Reġistru tal-Artijiet u Direttur tar-Reġistru Pubbliku meta jgħidu li l-attriċi ma ndikatx taħt liema artikolu tibbaża l-azzjoni tagħha, il-Qorti tikkunsidra li n-nullita' tal-atti ġudizzjarji għandha tkun straordinarja. F'dan ir-rigward issir riferenza għas-sentenza mogħtija fil-kawża fl-ismijiet **ITC Limited et vs. LBM Breweries Limited** (Numru 976/2005) fejn il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili qalet hekk:

---

[5] Vide f'dan is-sens ukoll Q.A. (Sede Inf.) **Yvonne Camilleri vs. Alfred Caruana et** datata 14.02.2014 u P.A., **Edward sive Eddie Sciberras vs. Joseph Satariano**, 09.02.2017.

> "Illi, fil-fehma tal-Qorti, wieħed irid iżomm quddiem għajnejh li n-nullita' tal-atti ġudizzjarji hija sanzjoni eċċezzjonali imputabbli għal difett ta' forma aktar milli ta' sustanza[6], liema difett ma jkunx jista' jiġi tollerat mingħajr ħsara għal xi prinċipju ta' ġustizzja proċedurali[7]."

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Birdlife Malta V.0. 0052 vs. Prim Ministru et** mogħtija fit-18 ta' Marzu 2021 (Numru 255/2020), il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili spjegat is-segwenti:

> "Fis-sentenza li tat din il-qorti diversament presjeduta fil-15 ta' Diċembru 1995 fil-kawża fl-ismijiet **<u>Moore noe v. Falzon et</u>** kien deċiż li –
>
> *"U għalhekk ġie ritenut illi l-liġi ma tirrikjedix kliem partikolari għal kif għandha ssir iċ-ċitazzjoni, biżżejjed jiftiehem xi jkun qiegħed jitlob l-attur, b'mod li l-kawżali tista' tkun espressa lakonikament, u saħansitra tista' tkun anke ridotta mid-domanda (Kolezz. XXXIV.I.501, XXIX.I.143 u XXXII.I.228)"".*

Illi applikat dan it-tagħlim għall-kawża odjerna, il-Qorti ma tarax li t-talbiet tal-attriċi għandhom xi difett fil-forma li mhux tollerabbli. Lanqas din il-Qorti ma tara li l-konvenuti kellhom xi diffikulta' f'li jipproponu d-difiża tagħhom. B'hekk il-Qorti ma tqiesx bħala mistħoqqa l-eċċezzjoni in eżami.

**<u>It-Tielet (3) Eċċezzjoni</u>**
**<u>(Azzjoni intempestiva)</u>:**
Illi l-konvenuti Direttur tar-Reġistru tal-Artijiet u l-Avukat Ġenerali jisħqu li minħabba li l-azzjoni in kwistjoni u ċioé l-konfiska għadha ma seħħitx, l-azzjoni tal-attriċi tressqet qabel il-waqt. Minn naħa tagħha, l-attriċi tgħid li, ġialadarba hemm ordni ta' konfiska, id-dritt tagħha diġa' huwa preġudikat.

[6] App. Kumm. 30.6.1994 fil-kawża fl-ismijiet **Micallef vs. Krogh Jacobsen** (Kollez. Vol: LXXVIII.ii.172).
[7] Ara App. Ċiv. 21.5.1995 fil-kawża fl-ismijiet **Ellul vs. Gera de Petri et** (Kollez. Vol: LXXIX.ii.434) u s-sentenzi hemm imsemmija.

Illi, rigward l-istitut tal-intempestivita' tal-azzjoni, il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fis-16 ta' Frar 2006 fl-ismijiet **Professur Ian Refalo noe vs. Victor Borg Grech et** (Numru 1032/1999/1) fejn il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili qalet is-segwenti:

> "Illi tali eċċezzjoni, li hija waħda ta' natura dilatorja u għalhekk għandha titqajjem u tiġi mistħarrġa fil-bidu tal-kawża[8]. M'hemmx għalfejn jingħad li f'dan il-każ il-piż tal-prova jaqa' fuq l-imħarrkin fuq il-massima li *reus in excipiendo fit actor*, u huma meħtieġa l-istess provi fi grad tali li ssoltu jaqa' fuq attur dwar il-pretensjonijiet tiegħu[9]. Minbarra dan, minħabba li l-effett ta' eżitu favorevoli għal eċċezzjoni ta' intempestivita' huwa dak li jeħles lill-parti mħarrka milli tibqa' iżjed fil-kawża, bil-jedd tal-parti attriċi li terġa' tibda proċedura meta jgħaddi t-terminu li kien ingħata, l-eċċezzjoni trid tintlaqa' meta tassew tkun pruvata u dan fuq il-massima li azzjoni tiġi salvata jekk dan huwa possibbli."

Illi, sabiex tistħarreġ din l-eċċezzjoni, il-Qorti trid tara x'inhi t-talba mressqa mill-attriċi. Fir-Rikors Maħluf tagħha, l-attriċi titlob dikjarazzjoni li l-ordni ta' iffriżar u l-ordni ta' konfiska jolqtu biss il-parti tal-konvenut Pierre Cremona. Huwa paċifiku li l-ordni tal-Qorti Kriminali sabiex il-ħwejjeġ tal-konvenut kontumaċi Pierre Cremona huwa issa ordni eżekuttiv u għalhekk ma jistax jiġi imwaqqaf b'xi appell u hija biss minħabba deċiżjoni unilaterali minn naħa tar-Reġistratur tal-Qorti Kriminali li dan għadu ma seħħx.

Illi għalhekk id-dikjarazzjoni li titlob l-attriċi ma tistax tiġi kkunsidrata li hija intempestiva u konsegwentement din l-eċċezzjoni ser tiġi miċħuda wkoll.

**<u>Il-Ħames (5) u s-Sitt (6) Eċċezzjoni</u>**
**<u>(Ir-Rimedju mogħti mil-liġi diġa' ġie utilizzat)</u>:**

[8] Ara Kumm. 28.5.1965 fil-kawża fl-ismijiet **Spiteri vs. Ellul** (Kollez. Vol: XLIX.iii.1161).
[9] Ara P.A. 18.2.1965 fil-kawża fl-ismijiet **Ricci vs. Latzen** (Kollez. Vol: XLIX.ii.745).

Illi l-Avukat Ġenerali jeċċepixxi li l-azzjoni odjerna hija impronobbili *stante* li d-dikjarazzjoni mitluba mill-attriċi ma tistax titmexxa l-quddiem permezz tal-proċeduri odjerni ġialadarba l-Artikolu 22Ċ tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta jistipula proċedura speċjali kif tista' tiġi attakkata ordni ta' konfiska u friżar ta' assi. L-Avukat Ġenerali jeċċepixxi wkoll illi l-proċedura skont Artikolu 22Ċ tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta diġa ġiet utilizzata permezz tar-Rikors Maħluf intavolat mill-konvenut Pierre Cremona fil-kawża fl-ismijiet **Pierre Cremona vs. L-Avukat Ġenerali et** (Kawża Numru 698/2016) li ġiet deċiża fil-11 ta' Lulju 2018 u li ma kienx hemm appell minnha.

Illi għandu jingħad li mill-provi prodotti (kemm mill-affidavit tal-attriċi u minn dak ta' Emanuel Deguara) jirriżulta li n-nofs sehem indiviż tal-fond bin-numru 9, Triq San Tumas, Fgura ma għaddiex għand l-attriċi wara li l-konvenut ġie akkużat bir-reati li nstab ħati tagħhom pero' kien tagħha qabel. Dan ifisser li l-attriċi ma tikkwalifikax bħala terz *ai termini* ta' Artikolu 22Ċ tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta u dana *stante* li azzjoni taħt dan l-Artikolu tista' tinbeda jew mill-persuna misjuba ħatja jew minn terza persuna msemmija f'Artikolu 22(3A)(d) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta li jagħmel riferenza għall-proprjeta' immobbli minn meta l-ħati jkun ġie akkużat u tkun għaddiet għand terzi persuni.

Illi fis-sentenza mogħtija fit-30 ta' Ġunju 2011 fl-ismijiet **Elton Brincat vs. Kummissarju tal-Pulizija** (Numru 1182/2010), il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili qalet hekk:

> "Il-proċedura kontemplata bl-Art. 22Ċ hija speċjali u tagħmel eċċezzjoni fis-sens li tapplika meta persuna tkun instabet ħatja minn Qorti kompetenti ta' reat kontra l-Kap. 101. Għalhekk ladarba tmur kontra x-xejra tad-dispożizzjonijiet ġenerali ta' dik il-liġi fejn *si tratta* tal-konfiska tal-ġid ta' persuna li tikser il-Kap. 101, u sakemm jiġu mħarsin il-jeddijiet sostantivi tal-partijiet interessati, għandha tingħata tifsira f'termini stretti u mhux aktar wiesgħa minn dak li ried il-leġislatur."[emfażi miżjuda]

Illi fis-sentenza mogħtija fl-14 ta' Lulju 2011 fil-kawża fl-ismijiet **Jason Cassar vs. Kummissarju tal-Pulizija** (Numru 1076/2009), il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili qalet hekk:

> "Illi l-proċedura hija miftuħa kemm għall-persuna li tkun misjuba ħatja kif ukoll għat-terza persuna li f'idejha jkun għadda l-immobbli, u *ai termini* ta' l-Artikolu 22Ċ(2) tal-Kap. 101 trid tinbeda mhux iżjed tard minn tliet xhur minn meta s-sentenza li tkun ordnat il-konfiska u din is-sentenza tkun waħda definittiva."

Illi b'hekk ifisser ladarba l-attriċi Iris Cremona la kienet ħatja u lanqas ma kienet tikkwalifika bħala terz *ai termini* ta' Artikolu 22(3A)(d) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, hija ma setgħetx tressaq azzjoni taħt Artikolu 22Ċ tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi minkejja li l-attriċi ma kinitx parti fil-proċeduri mibdija minn żewġha l-konvenut Pierre Cremona (u dana apparti l-fatt li l-Qorti ma hijiex konvinta dwar dak li tgħid hi fl-affidavit tagħha meta tgħid li saret taf bil-konfiska mill-Qorti Kriminali u bil-proċeduri mibdija minn Pierre Cremona quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fejn ingħatat is-sentenza fil-11 ta' Lulju 2018 meta hija marret għand l-avukat tagħha u ġie l-kliem fuq Pierre Cremona), jibqa' l-fatt li l-attriċi ma kinitx parti f'dawk il-proċeduri. Apparti dan, jirriżulta wkoll is-segwenti:

- ġie pruvat li l-attriċi għandha nofs sehem indiviż tal-fond bin-numru 9, Triq San Tumas, Fgura;

- fis-sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali fis-16 ta' Mejju 2016 (Dok. "B" – *a fol.* 10 *et seq.*), il-Qorti ordnat il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli u immobbli oħra tal-ħati *ossia* Pierre Cremona;

- fis-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-11 ta' Lulju 2018 (Dok. "Ċ" – *a fol.* 22 *et seq.*), il-Qorti:

- eżaminat it-talbiet hekk kif imressqa mill-attur f'dik il-kawża *ossia* l-konvenut Pierre Cremona fil-kawża odjerna abbażi tal-provi mressqa minnu u mhux minn martu Iris Cremona li ma kinitx parti mill-proċeduri msemmija;

- tgħid hekk: *"Mill-imsemmi kompendju rriżulta wkoll li r-rikorrent għandu żewġ garanziji favur il-Bank of Valletta, waħda fl-ammont ta' Lm6,000 konsistenti f'ipoteka ġenerali fuq il-proprjeta' kollha tar-rikorrenti u martu, u ipoteka speċjali fuq il-maisonette bla isem li jġib in-numru 9 li jinstab fi Triq San Tumas, il-Fgura, liema proprjeta' tappartjeni lir-rikorrent u lil martu fl-ishma ta' nofs indiviż kull wieħed"*. [emfażi miżjuda]

Illi l-Qorti tinnota li minkejja li huwa minnu li f'xi kawżi mressqa taħt Artikolu 22Ċ tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta jkun hemm il-konjuġi bħala atturi, u dana minkejja li wieħed minnhom biss ikun instab ħati, il-fatt li l-attriċi fil-kawża odjerna ma kinitx parti mill-proċedura taħt Artikolu 22Ċ tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta mressqa minn żewġha ma jippreġudikax id-drittijiet tagħha u dana minħabba li dak li huwa tagħha (inkluż in-nofs sehem indiviż tal-fond in kwistjoni) ma kienx soġġetta għal konfiska.

**Ikkunsidrat**

Illi, meħud in konsiderazzjoni dak kollu li ngħad hawn fuq, il-Qorti ma għandu jkollha l-ebda xkiel li jżommha milli tilqa' t-talbiet kollha tal-attriċi hekk kif kontenuti fir-Rikors Maħluf u dana *stante* li ġie pruvat li l-attriċi hija proprjetarja ta' nofs sehem indiviż tal-proprjeta' bin-numru disgħa (9), Triq San Tumas, Fgura u ġie pruvat ukoll li kien biss il-konvenut Pierre Cremona li nstab ħati (u mhux l-attriċi) in segwitu ta' liema sentenza ta' sejbien ta' ħtija ġiet ordnata l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-flejjes jew proprjeta' mobbli u immobbli tiegħu.

**Deċide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

1. Tilqa' l-ewwel (1) eċċezzjoni preliminari tal-konvenuti Direttur tar-Reġistru tal-Artijiet u Direttur tar-Reġistru Pubbliku u tilliberahom mill-osservanza tal-ġudizzju;

2. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tar-raba' (4) eċċezzjoni tal-konvenuti Avukat Ġenerali, Direttur tar-Reġistru tal-Artijiet u Direttur tar-Reġistru Pubbliku u dana *stante* li din l-eċċezzjoni ġiet sorvolata;

3. Tiċħad l-eċċezzjonijiet l-oħra tal-konvenuti Avukat Ġenerali, Direttur tar-Reġistru tal-Artijiet u Direttur tar-Reġistru Pubbliku;

3. Tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-kjamat fil-kawża r-Reġistratur tal-Qrati Kriminali;

4. Tilqa' t-talbiet kollha tal-attriċi Iris Cremona hekk kif kontenuti fir-Rikors Maħluf tagħha.

Finalment, tordna li l-ispejjeż kollha marbuta ma' dawn il-proċeduri hekk kif mitluba fir-Rikors Maħluf tal-attriċi Iris Cremona jitħallsu kollha kemm huma mill-konvenut Avukat Ġenerali.

___________________________

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

___________________________

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**